19 ta' Gunju, 1945.

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Maddalena Mifsud et.** *versus* **Maria Giuseppa Morana et.**

**Apertura tas-Successjoni — Grad tal-Parentela — "Stipite Comune" — Art. [illegible] ta' l-Ord. VII ta' l-1868.**

*Fil-għadd tal-gradi tal-parentela biex jiġi stabbilit min fost diversi konkorrenti għas-suċċessjoni huwa l-aktar fil-qrib mad-decujus, il-kliem "stipite comune" għandhom jiġu nterpretati fis-sens illi dan l-istipiti għandu jkun dak komuni bejn id-decujus u kull grupp ta' konsangwinei kollaterali individwalment, b'separazzjoni, u indipendentement minn kull konsangwineu ieħor jew oħrajn appartenenti għal gruppi oħra, u mhux fis-sens illi l-istipiti komuni huwa biss dak bejn kull konkorrent għalih waħdu u d-decujus.*

Il-Qorti — Rat il libell ta' l-imsemmija Maddalena armla ta' Enrico Mifsud u ta' l-imsemmijin Paolo, Ercole u Mary mart Joseph Gatt minnu assistita, fejn, wara li ppremettew (1) li fis-6 ta' Diċembru 1937 miet f'Każal Pawla Salvatore Cassar, tifel tal-mejjet Giuseppe, mingħajr ma ħalla dixxendenti jew dispożizzjonijiet testamentarji, kif jirriżulta mid-dokumenti u ċertifikati eżibiti fil-kawża "Mifsud vs. Gauci" deċiża minn din il-Qorti fit-12 ta' Marzu 1938; (2) li huma, jekk mhux ħaddieħor, huma konsangwinei kollaterali mill-aktar prossimi tad-decujus, kif jirriżulta mill-arblu ġenealoġiku bil-ġustifikazzjonijiet relattivi eżistenti fl-atti tal-kawża fuq indikata, u anki kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ ta' Margherita Bonello ma' Michele Bartolo; (3) li l-esponenti Mifsud u Maria Concetta mart l-imsemmi Giuseppe Gatt, omm u awtriċi ta' l-esponenti l-oħrajn, kienu pproċedew quddiem is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti għall-apertura tas-suċċessjoni ta' l-imsemmi Salvatore Cassar favur tagħhom; (4) li minħabba l-oppożizzjoni magħmula minn x'uħud mill-konvenuti, li ppretendew dritt għall-eredità tad-decujus bħala l-parenti l-aktar qrib lejh, dik il-Qorti, b'digriet tat-28 ta' April 1938, irrimettiet lir-rikorrenti Maddalena Mifsud u Maria Concetta Gatt in konteszjus; talbu li jiġi dikjarat u deċiż illi huma eredi ta' l-imsemmi Salvatore Cassar, u li għalhekk hemm lok għall-apertura tas-suċċessjoni tiegħu favur tagħhom, billi huma jiġu

pregradwati ghall-konsegwenza ta' l-istess eredità in preferenza ta' dawk il-konvenuti li mad-decujus jinsabu fi grad ta' konsangwineità aktar remota. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra:

Illi d-diversi libellanti f'dan il-konkors huma:—

1. Maddalena armla ta' Enrico Mifsud.........;

*Omissis;*

Illi l-perit legali, fl-impossibilità li jagħmel arblu genealogiku wieħed li jkopri l-konvenuti kollha, billi l-konsangwineità kollaterali tal-konkorrenti mhix dovuta kollha lejn la' wieħed, inuma x'uħud mill-konkorrenti huma konsangwinei ta' Salvatore Cassar mil-lat patern, waqt li oħrajn huma konsangwinei mil-lat matern tiegħu, għamel arbli genealogiċi separatament għal kull wieħed jew għal kull waħda mill-kategorija fuq indikati. .........;

*Omissis;*

Illi wara l-eżami tal-arbli genealogiċi, il-perit għadda biex jistabbilixxi l-grad tal-parentela tad-diversi konkorrenti mad-decujus; iżda qabel irriżolva kwistjoni li tirrigwarda għal kif għandu jsir il-għadd tal-gradi, jew aħjar x'għandu jiftiehem bi "stipite comune", jekk, jiġifieri, bi "stipite comune" għandux jiftiehem dak l-istipite komuni għad-diversi konkorrenti kollha flimkien bejniethom minn naħa l-waħda u d-decujus minn-naħa l-oħra, jew għandux jiftiehem illi l-istipiti komuni huwa biss dak bejn kull konkorrent għalih waħdu u d-decujus;

Illi l-perit issottometta illi l-interpretazzjoni ta' "stipite comune" "common ancestor" għandha tkun li dana l-istipite" hu dak komuni bejn id-decujus u kull grupp ta' konsangwinei kollaterali individwalment, bis-separazzjoni u indipendentement minn kull konsangwineu kollaterali ieħor jew oħrajn appartenenti għal grupp ieħor; u l-Qorti taqbel ma' dak li kkonkluda l-perit, għall-istess raġunijiet minnu miġjuba, li magħhom il-Qorti ma ssib xi żżid xejn, u li huma dawn: jiġifieri:—

(1) Il-għaliex dan jidher mill-kliem testwali ta' l-artikolu 191 ta' l-Ord. VII ta' l-1868, fejn jingħad illi "in a collateral line" kif inhu fil-każi kollha ta' din il-kawża, the de-

grees are computed by generations, from one of the relations up to, but not including, the common ancestor, and from the latter to the other relation'';

(2) Il-għaliex dan is-sens għandu jittieħed ukoll bħala l-aktar loġiku u raġjonevoli u kif effettivament rieed ifissru l-leġislatur; għaliex f'konkors ta' suċċessjoni wieħed għandu jara min mill-konkorrenti hu l-eqreb fil-grad tal-parentela mad-decujus, u ma għandux jinfluwixxi l-każ li konkorrent ikun jikkonkorri ma' ħadd ieħor, fis-sens li jekk persuna tkun qiegħda f'ċertu grad ta' parentela mad-decujus jekk tikkonkorri waħedha, dina l-istess persuna għandha tibqa' dejjem fl-istess grad ta' parentela mad-decujus anki jekk ikunu jikkonkorru magħha persuni oħra, billi l-grad tal-parentela ma jitbiddilx b'sempliċi aċċidentalità, imma hu naturali u innat ma' kull persuna;

(3) Il-għaliex dina l-interpretazzjoni hija sostnuta unanimement mid-dottrina, kif jidher mill-awtoritajiet ċitati mill-perit fil-fol. 17 tar-relazzjoni tiegħu;

Illi sewwa wkoll ikkonkluda l-perit illi ma tistax tiġi milqugħa l-pretensjoni ta' dawk mill-konkorrenti li jsostnu l-interpretazzjoni l-oħra, billi jgħidu illi l-artikolu tal-liġi fuq indikat għandu jiġi nterpretat flimkien ma' dak 516 ta' l-istess Ordinanza. U tant dak l-artikolu ma jagħmelx differenza bejn konkorrent u ieħor, li jsemmi wkoll li in mankanza ta' dixxendenti ta' aħwa u tad-dixxendenti ta' dawn, is-suċċessjoni tipprattjeni liz-zijiet, u mbagħad l-eqreb fost il-kollaterali ''in whatever line they be''; il-għaliex, kif sewwa rraġuna l-perit, dan l-artikolu, kif wieħed jista' jara mill-qari tiegħu, ma jgħid xejn minn dak li jippretendu dawk il-konkorrenti, jiġifieri li meta d-diversi kollaterali jkunu qegħdin jikkonkorru għall-konsegwiment tal-wirt irid jinstab dejjem l-''istipite comune'' bejniethom; u l-għaliex l-espressjoni fuq indikata ''in whatever line they be'' hija utiża biss biex turi li s-suċċessjoni hija dovuta lill-kollaterali kollha, tant tal-linja tal-missier kemm għal dik ta' omm, kif jirriżulta mid-deċiżjonijiet tat-tribunali tagħna msemmijin mill-perit fil-paragrafu XVI tar-relazzjoni tiegħu;

Illi sewwa wkoll ikkonkluda l-perit illi dawk l-istess konkorrenti iċċitaw ħażin l-awtorità ta' Toullier favur il-preten-

sjoni taghhom, billi ghamettew mill-bran minnhom ċitat ap puntu dawk il-kliem illi jum illi, kuntrarjament ghal dak li huma jippretendu, skond Toullier mhux il-kollaterali kollha huma imsejhin ghas-suċċessjoni tad-decujus, imma biss dawk il-kollaterali li jkunu fl-eqred grad ta' parentela mad-decujus;

*Omissis;*

Illi ghalhekk jigi, kif issottometta l-perit, li l-konkorrenti fi grad l-aktar qrib mad-decujus huma dawk li jinsabu fil-hames grad, jigifieri............;

*Omissis;*

Ghar-ragunijiet fuq esposti, wara li tikkonferma f'kollox il-perizja, tiddeċidi;

Billi tiddikjara illi l-konkorrenti Maddalena armla minn Enrico Mifsud,............, huma eredi tal-fuq nominat Salvatore Cassar, u li hemm 'ok ghall-apertura tas-suċċessjoni ta' l-istess Salvatore Cassar favur taghhom, u tippregradwa lill-istess eredi ghall-konsegwiment ta' l-istess eredità in preferenza tal-konkorrenti l-ohra;

L-ispejjeż, komprizi dawk riżervati ghal dina d-deċiżjoni bis-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' April 1939, moghtija fil-kawża fl-ismijiet "Maddalena Mifsud et. vs. Giuseppa Morana et.", jibqghu minghajr taxxa; l-ispejjeż tal-perizja jithallsu mill-konkorrenti f'sehem indaqs bejniethom.